# X'GARA LEJLET IL-MILIED

Bernard kellu qalbu f'idejh ma' kulhadd. Ma kontx titolbu pjacir li ma jaqdikx anke kieku kellu johrog barra minn triqtu. Imma jahasra l-mishut vizzju tax-xorb kien jitfa' dell ikrah fuqu u jhassarlu kull haga tajba li kelu.

"Bernard, il-lejla gej il-knisja ghac-ceremonja ta' lejliet il-Milied, hux hekk?," staqsietu martu Karmelina.

"Ghadni ma nafx," wegibha xott xott Bernard. "Inti taf li l-priedka tal-Milied tat-tifel iddejjaqni. It-taghlim jiena nhobb nisimghu minghand adult u mhux minn tifel li bosta drabi jehel u jlaqlaq," gabilha skuza zewgha.

"Imma din is-sena l-priedka ser jaghmilha Andrea, t-tifel ta' Wistin il-mastrudaxxa. Dak bravu hafna, ma jisthix u jinqala'. In-nies li nzertaw il-knisja waqt il-prova baqghu mistghagba bil-hila u l-wirja tieghu," irribattietlu Karmelina.

"Ara naghmlu hekk, nigi ghall-habta ta' nofs il-lejl meta tkun ser tohrog il-quddiesa. Hekk inkunu prezenti bhala familja. Zommli post. Nigi zgur."

"Allura dan il-hin kollu wahdek x'ser toqghod taghmel?"

"Ser niltaqa' ma' xi hbieb ."

"Ara li ma tixrobx bhas-soltu," widdbitu martu.

Il-hin sar u kulhadd mar ghal triqtu. Bernard hareg mid-dar u mar dritt dritt jiltaqa' ma' shabu ghand Kalcidon tal-hanut tax-xorb.

Il-hanut kien diga mimli nies imma l-mejda ta' Bernard u shabu kienet riservata ghalihom. "Il-Milied it-tajjeb", sellem Bernard lil shabu.

"U lilek ukoll," wegbuh lura. "X'ser tixrob?", staqsewh.

"Tas-soltu." U baqghu jixorbu tazza wara l-ohra u jnaqqru ikel irqieq bhal karawett, gobon, gbejniet tal-bzar u dak kollu li jgibilhom Kalcidon u li jqabbedk l-ghatx biex tordna xarba ohra. L-argumenti taghhom kienu tas-soltu fuq il-kacca, sajda u nsib. Min jghid haga u min jghid ohra u l-hin gerbeb. Ix-xorb ukoll tela' ghar-ras Bernard u hassu jixxengel.

"Bernard" sema' lehen jghidlu, " tahseb li dan tieghek hu ferh biex ticcelebra l-Milied?"

"Dan zgur li jgiblek il-ferh," qal Bernard lil shabu filwaqt li pponta subajgh lejn it-tazzi tax-xorb. U ghajjat, " Kalcidon gibilna naqra ohra u din id-darba ghalija." U hekk it-tazzi regghu ntlew u kulhadd mill-gdid beda' jnizzel ix-xorb naqra naqra, bejn argument u iehor.

Il-hdax kienu daqqu u l-arlogg tal-hanut kien juri li wasal biex idoqq nofs il-lejl. Bernard haseb biex jirtira lejn is-sodda; ma kienx f'qaghda biex imur il-knisja. Hekk kif hareg mill-bieb tal-hanut ta' Kalc, Bernard safa' imtajjar minn karozza. Minn rasu beda hiereg id-demm, izda ghalkemm kien mitluf minn sensih, baqa' jiehu n-nifs.

Bernard sab ruhu l-isptar f'qasir zmien u t-tobba ddikjarawh li ma kienx fi stat gravi. Izda riedu li joqghod ghal osservazzjoni biex jaraw li ma jinqalghux kumplikazzjonijiet. Xortih li tal-karozza ma kienx qed isuq bil-giri.

"Idhol, idhol Bernard, hux inti Bernard jismek? Issa jmiss lilek" qalet vuci ta' wiehed xih bil-baffi griza li dahhal muftieh biex jiftah il-bieb. Minnufih Bernard sab ruhu f'sala kbira b'bank gholi fuq quddiem u hafna siggijiet fin-nofs. " Bhal lum ma nifthux, ghax il-Milied, imma minhabba fik kellna nifthu s-sala tal-gudizzji malajr malajr biex ma nhallukx tistenna."

Bernard tilef kull direzzjoni. "Fejn qiegħed?", staqsa lir-ragel tal-baffi griza.

"Kif ghadek ma indunajtx li ser isirlek il-gudizzju?"

Dak il-hin dahal wiehed ragel xih fih persuna u bil-baffi bajda. Kien akkumpanjat minn ragel zaghzugh u xi persuni ohra kwazi ta' l-istess eta' taz-zaghzugh. Ix-Xih qaghad bil-qieghda u mieghu iz-zaghzugh. "Donni dak il-wicc nafu x'imkien. Rajtu kemm il-darba imma ma nistax niftakar," qal bejnu u bejn ruhu Bernard.

"Ara," beda ix-Xih, " ma nahlux hin ghax il-lum jum mqaddes, il-jum ta' twelidek." U dar lejn iz-zaghzugh fuq in-naha tal-lemin u tbissimlu. "Ersaq hawn, pizatur," qal ix-Xih lil wiehed miz-zaghzagh li kien qed igorr mizien. " Itfa' l-opri tieghu fil-mizien u naraw fejn ixaqleb."

Iz-zaghzugh ghamel kif qallu ix-Xih. "Issa jonqos tax-xitan" wissa iz-zaghzugh.

"Ghajtulhu" irbombja lehen ix-Xih. U minnufih dahal ragel pulit u fuq tieghu, liebes ilbies iswed u ikrah kemm tridu. Minn persuntu bdiet hierga riha ta' hruq. Tefa' l-opri ta' Bernard li rnexxilu jigbor matul is-snin. Il-mizien mill-ewwel kien ser jeghleb lejn in-naha tat-telfien izda iz-zaghzugh ta' lemin waqqaf kollox. " Ma tafx li trid tnehhi minnhom? Ma tafx kemm hfirtlu minn dawn l-opri hziena tieghu? U jekk hfirthomlu ma ghadhomx jezistu." Ir-ragel tal-libsa sewda nehha kwazi kollox u baqa' biss il-vizzju tax-xorb.

Ix-Xih imbaghad ghadda biex jaghti l-gudizzju. " Mertu ta' dan ibni li hlist it-telfien. Gie fid-dinja madwar elfejn sena ilu u inti ghadek ma indunajtx bih ghal kollox. Dan il-jum huwa l-festa ta' Ibni u mhux il-festa tieghek biex tixrob u terga' tixrob sakemm ma tarahx art. Kemm kont ixxurtjat li dik d-daqqa ta' karozza kienet wahda hafifa! Ghad fadallek xi zmien iehor x'tghix. Kemm qed igieghel lil martek u lil uliedek ibatu minhabba x-xorb zejjed tieghek, sahansitra kien hemm mumenti li hallejtom nieqsa mill-bzonnijiet taghhom. Mur lura u biddel hajtek ghal gid tieghek u tal-familja li ghandek." U kif qal hekk sabbat tnejn bil-martell ta' l-injam u qal: "Hekk iggudikajt u hekk ikun."

Bernard fetah ghajnejh u ghalkemm kien ftit stordut ra hdejh lil martu u lil uliedu.

Qalilhom li f'hajtu ser ikun hemm bidla, imma ghaliex, zamm kollox mohbi fih iniffsu.